MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 607/2006

**Azzopardi Nicolai**

**vs**

**Curmi John u Curmi Mary**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' elf u tlett mitt lira maltin (LM1300) rapprezentanti flus mghodija lil konvenuti biex jaghmlu polizza ta' assigurazzjoni in konnessjoni ma' film li kellu jingibed hawn Malta u dan il-film qatt ma sar, b'l-ispejjez flimkien mal-imghaxijiet relattivi.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu

pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b’l-avviz fid-29 ta’ Lulju 2006 naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf u tlett mitt lira maltin (Lm1300) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------